24 ta' Novembru, 1953

Imħallef :
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Carmela Xuereb *versus* Grazia Schembri et.

**Kummerċjant — Mara — Soċjetà — "Uxor Mercatoris" u "Foemina Mercatrix".**

*Meta l-mara toħin lir-raġel tagħha fil-kummerċ tiegħu, billi tintervjeni għal xi operazzjonijiet kummerċjali li hu jagħmel, u anki*

*tirrappreżentah f'ħafna minn dawk l-atti, dik il-ko-operazzjoni tal-mara tista' tipproduċi ambigwità fil-pożizzjoni ġuridika tal-mara u r-raġel — jekk il-mara hijiex "uxor mercatoris" jew inkella "uxor mercatrix". U l-ġudikant għandu jiddeċidi jekk il-mara hijiex kummerċjanta jew le skond iċ-ċirkustanzi konkreti tal-każ.*

***Soċjetà kummerċjali bejn il-mara u żewġha ma hix possibili.***

***Jekk il-mara tillimita ruħha tagħmel atti relativi għall-kummerċ ta' żewġha, hija tibqa' "uxor mercatoris"; jekk, inveċe, hija teżerċita kummerċ distint u separat minn dak ta' żewġha, allura hija ssir "foemina mercatrix".***

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi talbet li l-konvenuti jkunu kundannati jħallsu lilha s-somma komplessiva ta' £47, bilanċ ta' somma akbar, prezz ta' lariġ lilhom mibjugħ u konsenjat, u import ta' self "brevi manu". Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż;

***Omissis;***

Għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet;

L-attriċi qiegħda titlob il-prezz ta' lariġ u r-restituzzjoni ta' mutwu. Dik il-vendita u dak il-mutwu, li l-attriċi tippretendi saru favur il-konvenuta, saru meta dina kienet miżżewġa ma' l-ewwel raġel tagħha, li kien kummerċjant, billi kien jeżerċixxi "grocery" f'ħanut fejn kien jirrivendi wkoll frott u ħxejjex, b'liċenza f'ismu. Il-konvenuta, martu, kienet tgħinu fil-bejgħ tal-ħxejjex, u forsi wkoll, kif tgħid l-attriċi, għalkemm dan ma ġiex soddisfaċentement pruvat, kienet tintervjeni f'xi operazzjonijiet kummerċjali tiegħu u tirrappreżentah f'xi atti;

Meta r-raġel hu kummerċjant, spiss jiġri li martu tgħinu regolarment, li tintervjeni għal xi operazzjonijiet kummerċjali li jagħmel, u anki tirrappreżentah f'ħafna minn dawk l-atti; u dina l-ko-koperazzjoni tal-mara tista' tipproduċi ambigwità fil-pożizzjoni ġuridika tagħhom — jekk il-mara hijiex "uxor socia" jew hijiex "uxor mercatoris", jew, invertiti l-partijiet, "uxor mercatrix";

Hija regola ċerta li min irid jidderiva xi dritt mill-eżerċizzju kummerċjali tal-mara miżżewġa għandu jipprova li hija kummerċjanta, u l-ġudikant jiddeċidi skond iċ-ċirkustanzi konkreti. U ċirkustanzi li jistgħu jġiegħluh jirritjeni kummerċjan-

ta' l-mara tal-kummerjant huma: il-kapital ta' l-azjenda fornit mill-mara; il-fatt li kienet teżerċita l-kummerċ qabel ma żżewġet; ir-ram tal-kummerċ li l-mara tista' teżerċita b'aktar abbiltà, hekk, per eżempju, kummerċ ta' modi, ta' ħwejjeġ tan-nisa; l-inskrizzjoni tal-mara fir-Reġistri tal-Kamra tal-Kummerċ; l-intestazzjoni tagħha fuq il-kotba u karti tal-kummerċ; il-fatt li tittratta hija l-affarijiet mingħajr ma tiffirma "per procura"; il-fatt li tiffirma kambjalijiet f'isimha proprju; u wkoll xi apprezzament ta' fatti partikulari—liema ċirkustanzi ċertament ma jirrikorrux fil-każ in diżamina;

Soċjetà kummerċjali bejn il-mara u r-raġel tagħha mhix possibili;

Meta r-raġel mhux kummerċjant, jew meta jkollu impjeg jew okkupazzjoni inkompatibili mal-kummerċ, id-diffikoltà ma tistax tqum. Meta apparentement biss iż-żewġ konjuġi jeżerċitaw il-kummerċ, jekk il-mara tillimita ruħha tagħmel atti relativi għall-kummerċ ta' żewġha hija tibqa' "uxor mercatoris"; jekk, inveċe, teżerċita kummerċ separat u distint minn dak ta' żewġha, allura ssir "foemina mercatrix";

Fil-każ preżenti jirriżulta li r-raġel tal-konvenuta kien jeżerċita l-kummerċ fuq imsemmi; ma jirriżultax li l-konvenuta kienet teżerċita kummerċ ieħor separat u distint minn dak ta' żewġha, imma l-attività tagħha kienet tikkonsisti biss fl-għajnuna li kienet tagħti lil żewġha fl-imsemmi kummerċ tiegħu. Hija ma kienetx, għalhekk, "foemina mercatrix", u l-vendita u l-mutwu fuq riferiti, anki jekk hija nterveniet għalihom, ma sarux lilha, imma lill-imsemmi żewġha; u difatti l-laring ġie rivendut fl-imsemmi ħanut ta' żewġha, u l-mutwu sar biex ikun jista' jitkompla l-eżerċizzju ta' dak il-ħanut. Hija kienet tillimita ruħha, u llimitat ruħha, fil-każijiet preżenti, li tagħmel attijiet relativi għal dak il-kummerċ ta' żewġha, u għalhekk baqgħet "uxor mercatoris"; u tenut għall-ħlas tal-prezz ta' l-imsemmi laring u għar-restituzzjoni tal-mutwu kien żewġha;

Tillibera kwindi l-konvenuti mid-domanda ta' l-attriċi; bl-ispejjeż.